SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

8 ta' Ottubru 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Direttiva 2008/115/KE – Standards u proċeduri komuni fil-qasam ta' ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu irregolarment – Artikolu 6(1) u Artikolu 8(1) – Residenza irregolari – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-impożizzjoni, skont iċ-ċirkustanzi, jew ta' multa, jew ta' tneħħija – Konsegwenzi tas-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zaizoune (C-38/14, EU:C:2015:260) – Leġiżlazzjoni nazzjonali iktar favorevoli għall-persuna kkonċernata – Effett dirett tad-direttivi – Limiti"

Fil-Kawża C-568/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Castilla-La Mancha, Spanja), permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Lulju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Lulju 2019, fil-proċedura

**MO**

vs

**Subdelegación del Gobierno en Toledo,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn C. Toader, li qed taġixxi bħala President tal-Awla, M. Safjan (Relatur) u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Spanjol, minn L. Aguilera Ruiz, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Cattabriga u I. Galindo Martín, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn MO u s-Subdelegación del Gobierno en Toledo (is-sottodelegazzjoni tal-Gvern fil-provinċja ta' Toledo, Spanja) dwar ir-residenza irregolari tiegħu fit-territorju Spanjol.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Suġġett", jipprevedi:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi standards u proċeduri komuni li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, skond id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja kif ukoll tal-liġi internazzjonali, inkluż il-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi dwar id-drittijiet tal-bniedem."

4 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(4) 'deċiżjoni ta' ritorn' tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz hija illegali u li jimponi jew jiddikjara l-obbligu ta' ritorn;

(5) 'tneħħija' tfisser l-infurzar ta' l-obbligu ta' ritorn, jiġifieri t-trasport fiżiku barra mill-Istat Membru;

[…]"

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Dispożizzjonijiet aktar favorevoli", jistipula, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

"2. Din id-Direttiva m'għandha tippreġudika ebda dispożizzjoni li tista' tkun aktar favorevoli għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz stabbilita fl-acquis Komunitarju fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u l-asil.

3. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għall-persuni li għalihom tapplika dment li dawk id-dispożizzjonijiet ikunu kompatibbli ma' din id-Direttiva."

6 Skont l-Artikolu 6 tal-istess direttiva, intitolat "Deċiżjoni ta' ritorn":

"1. L-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed jissoġġorna illegalment fit-territorju tagħhom, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5.

2. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jissoġġornaw illegalment fit-territorju ta' Stat Membru u għandhom permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn maħruġa minn Stat Membru ieħor, għandhom jintalbu jmorru fit-territorju ta' dak l-Istat Membru minnufih. Fil-każ ta' non-konformità miċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat ma' din il-ħtieġa, jew fejn it-tluq immedjat taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà nazzjonali, għandu japplika l-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għad-deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed joqgħod illegalment fit-territorju tagħhom jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat jittieħed lura minn Stat Membru ieħor skond ftehim jew arranġamenti bilaterali eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. F'dan il-każ l-Istat Membru li jkun ħa lura ċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat għandu japplika l-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri jistgħu, f'kull ħin, jiddeċiedu li jagħtu permess ta' residenza awtonomu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri d-dritt ta' soġġorn għal raġunijiet ta' kompassjoni, dawk umanitarji jew għal raġunijiet oħrajn lil ċittadin minn pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju tagħhom. F'dan il-każ m'għandha tinħareġ ebda deċiżjoni ta' ritorn. Fejn deċiżjoni ta' ritorn tkun diġà nħarġet, din għandha tiġi rtirata jew sospiża tul iż-żmien tal-validità tal-permess ta' residenza jew ta' awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn.

5. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju ta' Stat Membru jkun is-suġġett ta' proċedura pendenti għat-tiġdid tal-permess ta' residenza tiegħu jew tagħha jew ta' xi permess ieħor li joffri d-dritt ta' soġġorn, dak l-Istat Membru għandu jikkunsidra li joqgħod lura milli joħroġ deċiżjoni ta' ritorn sakemm tintemm il-proċedura pendenti, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6.

[…]"

7 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Tluq volontarju", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 4 tiegħu:

"1. Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tipprevedi perijodu adegwat għat-tluq volontarju ta' bejn sebat ijiem u tletin jum, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 u 4.. […]

[…]

4. Jekk ikun hemm riskju ta' ħarba, jew jekk applikazzjoni għal soġġorn legali tkun ġiet miċħuda għax kienet bla bażi jew ibbażata fuq frodi jew jekk il-persuna konċernata tippreżenta riskju għall-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu ma jagħtux perijodu ta' żmien għat-tluq volontarju […]"

8 L-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, intitolat "Tneħħija", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jinfurzaw id-deċiżjoni ta' ritorn jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għal tluq volontarju skond l-Artikolu 7(4) jew jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie rispettat f'dan il-perijodu għat-tluq volontarju mogħti skond l-Artikolu 7."

### *Id-dritt Spanjol*

9 L-Artikolu 53(1)(a) tal-Ley Orgánica 4/2000, sobre derechos y libertades de los extranjeros en España y su integración social (il-Liġi Organika 4/2000 dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet tal-Barranin fi Spanja u l-Integrazzjoni Soċjali Tagħhom) tal-11 ta' Jannar 2000 (BOE Nru 10 tat-12 ta' Jannar 2000, p. 1139) kif emendata bil-Ley Orgánica 2/2009 (il-Liġi Organika 2/2009) tal-11 ta' Diċembru 2009 (BOE Nru 299 tat-12 ta' Diċembru 2009, p. 104986) (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Barranin"), jiddefinixxi bħala li huwa ksur "serju", "[i]l-fatt li persuna tkun tinsab f'sitwazzjoni irregolari fit-territorju Spanjol

għar-raġuni li ma tkunx kisbet l-estensjoni tar-residenza jew il-permess ta’ residenza, jew dawn ikunu skadew b’iktar minn tliet xhur, mingħajr il-persuna kkonċernata ma tkun talbet it-tiġdid tagħhom fit-terminu previst mil-leġiżlazzjoni”.

10 Skont l-Artikolu 55(1)(b) tal-Liġi dwar il-Barranin, is-sanzjoni imposta fil-każ ta’ ksur serju hija multa ta’ bejn EUR 501 u EUR 10 000.

11 Skont l-Artikolu 57 ta’ din il-liġi:

“1. Meta dawk li jwettqu l-ksur huma barranin u l-aġir inkwistjoni jista’ jiġi kklassifikat bħala ‘serju ħafna’ jew ‘serju’, skont l-Artikolu 53(1)(a), (b), (c), (d) u (f) ta’ din il-Liġi Organika, il-multa tista’ tiġi ssostitwita bit-tneħħija mit-territorju Spanjol, fid-dawl tal-prinċipju ta’ proporzjonalità, wara l-proċedura amministrattiva korrispondenti u permezz ta’ deċiżjoni motivata li tevalwa l-fatti li jikkostitwixxu l-ksur.

[…]

3. Is-sanzjonijiet ta’ tneħħija u ta’ multa ma jistgħu fl-ebda każ jiġu imposti flimkien.

[…]”

12 L-Artikolu 63 tal-imsemmija liġi, dwar il-proċedura prijoritarja, jipprevedi, fil-paragrafu 7 tiegħu:

“L-eżekuzzjoni tal-ordni ta’ tneħħija fil-każijiet previsti f’dan l-artikolu għandha ssir immedjatament”.

13 L-Artikolu 63bis(2) tal-istess liġi jipprovdi:

“Id-deċiżjoni ta’ adozzjoni tal-miżura ta’ tneħħija mogħtija wara l-proċedura ordinarja għandha tinkludi terminu ta’ tluq volontarju li matulu l-persuna kkonċernata għandha titlaq mit-territorju nazzjonali. It-tul ta’ dan it-terminu jvarja bejn seba’ u tletin jum u jibda jiddekorri min-notifika tad-deċiżjoni msemmija iktar ’il fuq. It-terminu ta’ tluq volontarju ffissat bl-ordni ta’ tneħħija jista’ jiġi estiż għal perijodu ta’ tul raġonevoli fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, bħat-tul tar-residenza, l-eżistenza ta’ tfal dipendenti li jmorru l-iskola jew rabtiet ta’ familja u soċjali oħrajn.”

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

14 Fl-14 ta’ Jannar 2017, il-Comisaría de Talavera de la Reina (il-Kummissarjat tal-Pulizija ta’ Talavera de la Reina, Spanja) iddeċieda li jniedi proċedura prijoritarja ta’ tneħħija fil-konfront ta’ MO, ċittadin Kolombjan, minħabba ksur allegat tal-Artikolu 53(1)(a) tal-Liġi dwar il-Barranin.

15 Fil-kuntest ta’ din il-proċedura, MO ddikjara li daħal Spanja matul is-sena 2009, fl-età ta’ 17-il sena, bis-saħħa ta’ viża flimkien ma’ permess ta’ residenza maħruġ fid-dawl ta’ riunifikazzjoni tal-familja ma’ ommu. Huwa ppreżenta passaport validu tal-24 ta’ Diċembru 2018, permess ta’ residenza validu sas-sena 2013 kif ukoll ċertifikat ta’ reġistrazzjoni mal-komun ta’ Talavera de la Reina, liema reġistrazzjoni saret matul is-sena 2015. MO afferma li ta’ spiss ħadem matul ir-residenza tiegħu fi Spanja u ppreżenta diversi kuntratti ta’ xogħol kif ukoll rendikont tal-karriera u ċertifikat mill-bank. Huwa ddikjara li ma għandux rekord kriminali u li għandu domiċilju fiss f’Talavera de la Reina. MO pproduċa wkoll xi dokumenti oħrajn, b’mod partikolari kard tal-librerija muniċipali, kard ta’ assigurazzjoni għall-mard kif ukoll xi ċertifikati li juru korsijiet segwiti u taħriġ komplut.

16 Fit-3 ta’ Frar 2017, is-Subdelegado del Gobierno en Toledo (is-sottodelegazzjoni tal-Gvern fil-provinċja ta’ Toledo, Spanja) (iktar ’il quddiem ir-“rappreżentant tal-Gvern”) ħa deċiżjoni ta’ tneħħija fil-konfront ta’ MO, abbażi tal-Artikolu 53(1)(a) tal-Liġi dwar il-Barranin, flimkien ma’ projbizzjoni ta’ dħul

mill-ġdid fit-territorju Spanjol għal perijodu ta' ħames snin. F'dan ir-rigward, ir-rappreżentant tal-Gvern ibbaża ruħu fuq ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) li tawtorizza t-tneħħija fil-każ li flimkien mar-residenza irregolari jkun hemm element negattiv fl-aġir tal-persuna kkonċernata. Fil-kawża prinċipali, dawn l-elementi kienu relatati mal-fatt li dan tal-aħħar ma kienx iġġustifika d-dħul tiegħu fi Spanja billi għadda minn punt ta' kontroll fuq il-fruntiera, ma kienx indika t-tul tar-residenza tiegħu f'dan l-Istat Membru, u kien nieqes minn kwalunkwe karta ta' identità. Barra minn hekk, l-imsemmi rappreżentant ikkonstata li t-tneħħija ma kinitx twassal, f'dak li jirrigwarda lil MO, għal tneħħija mill-familja, peress li huwa ma weriex l-eżistenza ta' rabtiet ma' axxendenti jew dixxendenti diretti li jirrisjedu legalment fi Spanja.

17 MO ppreżenta rikors kontra d-deċiżjoni ta' tneħħija meħuda mir-rappreżentant tal-Gvern quddiem il-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo de Toledo (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali ta' Toledo, Spanja), liema rikors ġie miċħud minn dik il-qorti.

18 MO appella minn din id-deċiżjoni tal-imsemmija qorti quddiem it-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Castilla-La Mancha, Spanja).

19 Dik il-qorti tippreċiża li l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mogħtija mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), imsemmija fil-punt 16 ta' din is-sentenza, ittieħdet mil-leġiżlatur Spanjol fil-kuntest tal-emenda ta' din il-leġiżlazzjoni bil-Liġi Organika 2/2009.

20 Il-qorti tar-rinviju tqis li r-rappreżentant tal-Gvern ikkonstata b'mod żbaljat il-preżenza ta' element negattiv fl-aġir ta' MO. Fil-fatt, dan tal-aħħar ippreżenta, matul il-proċedura, passaport validu, viża ta' dħul fit-territorju Spanjol kif ukoll permessi ta' residenza sas-sena 2013. Barra minn hekk, MO għandu bażi fi Spanja kemm fuq il-livell soċjali kif ukoll tal-familja.

21 Fir-rigward tal-aġir ta' MO, dik il-qorti tirrileva li l-proċess sottomess għall-eżami tagħha ma jinkludi ebda element negattiv li jiżdied mas-sempliċi residenza irregolari tal-persuna kkonċernata fi Spanja.

22 F'din is-sitwazzjoni, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-konsegwenzi li għandhom jiġu misluta mis-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zaizoune (C-38/14, EU:C:2015:260), sabiex tiġi evalwata s-sitwazzjoni ta' MO. Fil-fatt, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2008/115 għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi, fil-każ ta' residenza irregolari ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju ta' dak l-Istat, l-impożizzjoni, skont iċ-ċirkustanzi, jew ta' multa jew ta' tneħħija, u ż-żewġ miżuri jeskludu b'mod reċiproku lil xulxin.

23 F'din il-kawża, is-sitwazzjoni ta' MO hija rregolata bl-istess leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik li kienet applikabbli fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, skont interpretazzjoni mogħtija mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) qabel l-għoti tal-imsemmija sentenza, it-tneħħija mit-territorju nazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment fi Spanja tista' tkun ordnata biss meta jkun hemm fatturi addizzjonali aggravanti.

24 Wara li ngħatat is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zaizoune (C-38/14, EU:C:2015:260), it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) iddeċidiet, b'mod partikolari f'sentenza tat-30 ta' Mejju 2019, li l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji Spanjoli għandhom is-setgħa jirrifjutaw li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-Barranin li jipprevedu l-prijorità tal-impożizzjoni ta' multa u li jeżiġu li miżura ta' tneħħija għandha tkun espressament motivata bil-preżenza ta' fatturi aggravanti. B'dan il-mod, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) applikat direttament id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115, b'detriment għall-persuna kkonċernata, u b'dan il-mod aggravat ir-responsabbiltà kriminali tagħha. Fil-fatt, wara s-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zaizoune (C-38/14, EU:C:2015:260), il-qrati Spanjoli kellhom jagħmlu tali applikazzjoni diretta ta' din id-direttiva, anki jekk din l-applikazzjoni kellha ssir b'detriment għall-persuni kkonċernati.

25 Il-qorti tar-rinviju għandha xi dubji dwar il-possibbiltà li tibbaża ruħha direttament, fil-kawża prinċipali, fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115, sabiex tordna t-tneħħija ta' MO, anki fl-assenza ta' fatturi aggravanti li jiżdiedu mar-residenza irregolari tal-persuna kkonċernata fit-territorju Spanjol. F'dan ir-rigward, hija tfakkar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li teskludi l-possibbiltà li jiġu applikati direttament id-dispożizzjonijiet ta' direttiva fil-konfront ta' individwu, b'mod partikolari s-sentenzi tas-26 ta' Frar 1986, Marshall (152/84, EU:C:1986:84), u tal-11 ta' Ġunju 1987, X (14/86, EU:C:1987:275). Barra minn hekk, dik il-qorti tagħmel riferiment għas-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B. (C-42/17, EU:C:2017:936), li tistabbilixxi limiti għall-obbligu ta' interpretazzjoni konformi tad-direttivi, fid-dawl tal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege.*

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Castilla-La Mancha) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Interpretazzjoni tas-sentenza [tat-23 ta' April 2015, Zaizoune (C-38/14, EU:C:2015:260)] fis-sens li l-amministrazzjoni u l-qrati Spanjoli jistgħu jwettqu applikazzjoni diretta tad-Direttiva [2008/115] bi preġudizzju għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz, filwaqt li jinjoraw u ma japplikawx dispożizzjonijet interni iktar vantaġġużi fil-qasam ta' sanzjonijiet, b'mod li tiġi aggravata r-responsabbiltà sanzjonatorja tal-imsemmi ċittadin u possibbiltà li jiġi injorat il-prinċipju ta' legalità fil-qasam kriminali, hija kompatibbli mad-duttrina tagħha fir-rigward tal-limiti tal-effett dirett tad-direttivi; u jekk is-soluzzjoni għan-natura inadegwata tal-leġiżlazzjoni Spanjola għad-Direttiva ma għandhiex issir b'dan il-mod, għandha ssir permezz ta' riforma fil-liġi, jew permezz tar-rimedji previsti fid-dritt [tal-Unjoni] għall-impożizzjoni fuq l-Istati [Membri] tat-traspożizzjoni korretta tad-direttivi?"

**Fuq id-domanda preliminari**

27 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva 2008/115 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi, fil-każ ta' residenza irregolari ta' ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju ta' Stat Membru, l-impożizzjoni jew ta' multa jew ta' tneħħija, liema miżura tal-aħħar tista' tiġi adottata biss meta jkun hemm ċirkustanzi aggravanti dwar dan iċ-ċittadin, li jiżdiedu mar-residenza irregolari tiegħu, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' tibbaża ruħha direttament fuq id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva sabiex tadotta deċiżjoni ta' ritorn u teżegwixxi din id-deċiżjoni, anki fl-assenza ta' tali ċirkustanzi aggravanti.

28 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, bħalma jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, din il-leġiżlazzjoni nazzjonali, applikabbli mill-adozzjoni tal-Liġi Organika 2/2009, li emendat il-Liġi Organika 4/2000, ikkonfermat is-soluzzjoni adottata mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), imsemmija fil-punt 23 tas-sentenza odjerna.

29 L-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali kienet ikkonċernata fis-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zaizoune (C-38/14, EU:C:2015:260). Bħalma jsegwi mill-punt 31 u 32 ta' dik is-sentenza, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/115 jipprevedi qabelxejn, b'mod prinċipali, obbligu għall-Istati Membri li jieħdu deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment fit-territorju tagħhom. Fil-fatt, ladarba tiġi kkonstatata l-irregolarità tar-residenza, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom, skont dan l-artikolu u mingħajr ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 5 tal-istess artikolu, jadottaw deċiżjoni ta' ritorn.

30 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni Spanjola kkonċernata, li tipprevedi, fil-każ ta' residenza irregolari ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju Spanjol, l-impożizzjoni, skont iċ-ċirkustanzi, jew ta' multa, jew ta' tneħħija, u ż-żewġ miżuri jeskludu b'mod reċiproku lil xulxin, tista' twaqqaf

l-applikazzjoni tal-istandards u tal-proċeduri komuni stabbiliti mid-Direttiva 2008/115 u, jekk ikun il-każ, iddewwem ir-ritorn, u għalhekk tippreġudika l-effett utli ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zaizoune, C-38/14, EU:C:2015:260, punt 40).

31 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2008/115, b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha u l-Artikolu 8(1) tagħha, moqrija flimkien mal-Artikolu 4(2) u (3) tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi tali leġiżlazzjoni (sentenza tat-23 ta' April 2015, Zaizoune, C-38/14, EU:C:2015:260, punt 41).

32 Bħalma jsegwi mid-deċiżjoni ta' rinviju, wara l-għoti ta' dik is-sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) ddeċidiet li l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji Spanjoli għandhom is-setgħa li jirrifjutaw li japplikaw din il-leġiżlazzjoni nazzjonali mhux konformi mad-Direttiva 2008/115 u li jibbażaw ruħhom direttament fuqha sabiex jimponu miżura ta' tneħħija fil-każ ta' residenza irregolari fit-territorju Spanjol, anki fl-assenza ta' fatturi aggravanti oħrajn.

33 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, billi japplikaw id-dritt intern, u fil-limiti stabbiliti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt, il-qrati nazzjonali għandhom l-obbligu li jinterpretawh sa fejn possibbli fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex jintlaħaq ir-riżultat intiż minnha (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 121).

34 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju li huwa l-kompitu tagħha li tiddetermina jekk hijiex f'pożizzjoni li tagħmel interpretazzjoni konformi tad-dritt tal-Unjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali donnha teskludi din il-possibbiltà. Hija tqis li, f'din is-sitwazzjoni, tqum il-kwistjoni dwar jekk tistax issir applikazzjoni diretta ta' din id-direttiva b'detriment għall-persuna kkonċernata.

35 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, direttiva ma tistax, minnha nnifisha, toħloq obbligi għal individwu, peress li dispożizzjoni ta' direttiva ma tistax tiġi invokata bħala tali minn Stat Membru fil-konfront ta' tali persuna (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 1986, Marshall, 152/84, EU:C:1986:84, punt 48, u tat-12 ta' Diċembru 2013, Portgás, C-425/12, EU:C:2013:829, punt 22).

36 Għaldaqstant, sa fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għal MO fil-kawża prinċipali tipprevedi li t-tneħħija, fis-sens ta' din il-leġiżlazzjoni, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi fit-territorju Spanjol tista' tiġi ordnata biss meta jkun hemm ċirkustanzi aggravanti dwar dan iċ-ċittadin, li jiżdiedu mar-residenza irregolari tiegħu, u li din il-leġiżlazzjoni ma tistax tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni konformi mad-Direttiva 2008/115, fatt li huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika, dan l-Istat Membru ma jistax jibbaża ruħu fuq din id-direttiva sabiex jadotta, fil-konfront ta' MO, deċiżjoni ta' ritorn, fis-sens tal-imsemmija direttiva, u jeżegwixxi din id-deċiżjoni, anki fl-assenza tal-imsemmija ċirkustanzi aggravanti.

37 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li d-Direttiva 2008/115 għandha tiġi interpretata fis-sens li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi, fil-każ ta' residenza irregolari ta' ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju ta' Stat Membru, l-impożizzjoni jew ta' multa, jew ta' tneħħija, liema miżura tal-aħħar tista' tiġi adottata biss meta jkun hemm ċirkustanzi aggravanti dwar dan iċ-ċittadin, li jiżdiedu mar-residenza irregolari tiegħu, l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tistax tibbaża ruħha direttament fuq id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva sabiex tadotta deċiżjoni ta' ritorn u teżegwixxi din id-deċiżjoni, anki fl-assenza ta' tali ċirkustanzi aggravanti.

**Fuq l-ispejjeż**

38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment għandha tiġi interpretata fis-sens li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi, fil-każ ta' residenza irregolari ta' ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju ta' Stat Membru, l-impożizzjoni jew ta' multa, jew ta' tneħħija, liema miżura tal-aħħar tista' tiġi adottata biss meta jkun hemm ċirkustanzi aggravanti dwar dan iċ-ċittadin, li jiżdiedu mar-residenza irregolari tiegħu, l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tistax tibbaża ruħha direttament fuq id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva sabiex tadotta deċiżjoni ta' ritorn u teżegwixxi din id-deċiżjoni, anki fl-assenza ta' tali ċirkustanzi aggravanti.**

Firem